IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 32

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fis-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija (5:45pm) nhar **L-Erbgħa 14 ta'April 2021**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u  ppresedja l-laqgħa.

**32.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

32.1.1 Ebda talba ta' apoloġija preżentata.

**32.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

32.2.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 31 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera, approvawhom unanimament.

**32.3 Korrispondenza**

32.3.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sovritendenza tal-Patrimonju Malti dwar ix-xogħlijiet tal-imprint concrete li se jsiru fi Triq il-Pjazzetta fejn indikaw li dawn se jsiru f'żona li erbgħin metru 'l bogħod minnha jinsabu s-swar mibnija mill-Kavallieri u għaldaqstant huwa meħtieġ li jkun hemm rappreżentant tas-sovritenza waqt ix-xogħlijiet. Is-Sindku qal li se jikteb lura li t-trinek li ser jitħaffru diġà kienu tħaffru fil-passat.

32.3.2 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Ivan Scicluna dwar budget preliminari dwar il-proġett tal-Glażiż fil-Birgu. L-istima mogħtija mis-Sur Scicluna li tinkludi x-xogħol kollu meħtieġ kienet ta' kważi erba' miljun Ewro. Is-Sindku qal li dawn il-costings inġabru wara li l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi talab għall-istimi wara l-laqgħa li saret miegħu dwar dan il-proġett.

32.3.3 Preżentata korrispondenza mis-Sur Ivan Scicluna dwar il-Green Wall fi Triq il-Mandraġġ fejn għal darb'oħra ssottometta lill-kunsill, stima riveduta tal-ispejjeż, liema spiża issa tleħħaq kważi l-tlieta u disgħin elf Ewro. Is-Sindku qal li l-proġett huwa wieħed sabiħ u ambizzjuż iżda l-kunsill ma jinsabx f'pożizzjoni finanzjarja li jista' jwettaq dan il-proġett. Il-kunsilliera preżenti qablu wkoll mas-Sindku.

32.3.4 Preżentata korrispondenza mibgħuta minn Dr.Antoine Zammit dwar il-kunċett ta' Slow Streets fil-Birgu. Is-Sindku talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex jgħaddi l-preżentazzjoni mal-kunsilliera l-oħra.

32.3.5 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Marlon Galea għan-nom tal-Klabb tar-Regatta tal-Birgu fejn il-kunsill kien ikkupjat f'din l-email fejn saret

talba lill-Professur Charmaine Gauci jekk kienx possibli li ssir l-attività tal-Begigga nhar Sibt-il Għid. Il-Profs Gauci qalet li attivitajiet organizzati ma jistgħux jiġu organizzati. Is-Sindku rrimarka li għal din l-attività ma kienx sar permess u qal ukoll li din suppost kellha ssir mill-Kunsill stess. Il-Viċi-Sindku Christopher Cassar qal li ma sar ebda permess għax l-Awtorità tas-Saħħa ma ħarġitx permess biex din l-attività u saħaq li f'waħda mil-laqgħat preċedenti tal-kunsill, kien ġie deċiż li din ma ssirx mill-kunsill.

32.3.6 Preżentata korrispondenza mis-Sindku dwar l-estimi tal-ispejjeż li ser tagħmel il-Korporazzjoni tal-Ilma sabiex isiru servizzi ġodda tal-ilma fi Triq il-Pjazzetta u parti minn Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa qabel ma jsir ix-xogħol tal-imprint concrete f'dawn it-toroq. Is-Sindku qal li l-kunsill se jkun mitlub iħallas ftit aktar minn tmint elef Ewro u ftit aktar minn sitt elef Ewro għaż-żewġ toroq rispettivament. Il-kunsilliera preżenti lkoll qablu li dan huwa xogħol li għandu jsir sabiex kollox isir kif suppost.

32.3.7 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Mandy Farrugia għan-nom tal-Awtoritá tal-Ippjanar dwar il-bilanċ ta' dsatax-il elf tmien mija u disgħa u tmenin Ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€19889.32) li l-Kunsill Lokali tal-Birgu għandu fid-Development Planning Fund. Is-Sindku qal li jkun tajjeb li dawn għalissa ma jintużawx sabiex jakkumulaw aktar u jintużaw aktar 'il quddiem.

32.3.8 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Ispettur Clayton Camilleri stazzjonat fl-Għassa ta' Bormla fejn qed jinforma lill-kunsill li se jkun qed jieħu l-inizjattiva biex flimkien mal-kunsilli lokali tal-Birgu, Bormla, l-Isla, Ħaż-Żabbar, ix-Xgħajra, Wied il-Għajn u l-Kalkara u l-Parroċċi rispettivi, jipprovdi għajnuna lil dawk in-nies li jinsabu fil-bżonn. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu li nikkoperaw f'din l-inzjattiva.

32.3.9 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Justin Camilleri fejn qed jitlob permess lill-kunsill sabiex jinstalla tabella bir-riklam tal-ħanut tiegħu flok il-U-bars li hemm fil-kantuniera ma' Triq San Filippu. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu unanimament. Is-Sindku qal li għal din it-tabella trid timtela' l-applikazzjoni ta' Transport Malta.

32.3.10 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Sur Joe Attard CEO ta' Green MT dwar il-bdil tal-*Bring in Sites* liema bins għadhom ma nbidlux wara korripondenza sħiħa li ilha sejra sa minn Mejju 2019. Is-Sindku qal li ntbagħtu wkoll ir-ritratti tagħhom fejn jidher li ħafna minnhom spiċċaw u jridu jinbidlu mill-aktar fis possibli.

32.3.11 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Aaron Pace għan-nom tal-kumpanija Busy Bee fejn jinforma lill-kunsill li qed ikollu diversi talbiet mill-klijenti bil-ħsieb li jikru Couvre Porte għall-attività tagħhom. Is-Sur Pace qal li din tista' tkun opportunità fejn il-Busy Bee jkun il-kumpanija tal-ikel prefferuta meta jinkera l-post. Is-Sindku talab għall-oppinjoni tal-kunsilliera. Il-Kunsillier Anton Gellel qal li din tista' taħdem kemm favur kif ukoll kontra l-kunsill għax min ikun ser jikri l-post, ikun marbut bilfors mal-kumpanija tal-ikel u jekk dawn ma jkunux jixtiequ lil din il-kumpanija, jaslu ma jikrux il-post u jmur minn taħt il-kunsill. Il-kunsilliera preżenti qablu wkoll fuq dan il-ħsieb u għaldaqstant il-kunsilliera preżenti qablu unanimament li l-aħjar il-kunsill jikri l-post u jħalli lil kulħadd liberu jagħżel il-kumpanija tal-ikel li jixtieq huwa.

32.3.12 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Perit Mark John Scicluna bix-*Schedule of rates* tal-belvedere fuq il-garaxx tal-kunsill f'Tal-Ħawli għall-imprint concrete li jammontaw għal ftit inqas minn erbgħin elf Ewro. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol flimkien max-xogħol tal-imprint concrete fl-ispazju miftuħ ta' Triq il-Ħabs l-Antik, ser jitħallsu mill-fondi li qed tipprovdi l-LESA għall-spazji miftuħa, fejn se tkun qed tkopri tmenin fil-mija sa tmenin elf Ewro tal-ispejjeż involuti. Is-Sindku qal li inkluż ma' dawn, jitħallas ukoll ħadid (railing) ġdid, bins u bankijiet ġodda għal din iż-żona. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li peress li l-ispiża tal-ħadid (railing) tista' tkun waħda għolja, irid jinħareġ tender.

32.3.13 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Bouzid Sabeg dwar l-assoċjazzjoni *CoPaM – Mediterranean Patrimony Initiative*, taħt it-tmexxija tas-Sur Sabeg stess fejn qed jistieden lill-Kunsill Lokali tal-Birgu biex ikun parti minn din l-assoċjazzjoni. Is-Sindku qal li s-Sur Sabeg irid li l-Birgu jkun imsieħeb f'din l-assoċjazzjoni għax hija belt ta' kwalità u li toffri siti storiċi ta' valur għoli. Is-Sindku qal li f'diskussjoni online li kellu mas-Sur Sabeg, talbu biex il-fortifikazzjonijiet tal-Birgu jiġu nnominati għall-sit ta' UNESCO. Is-Sindku qal li jekk dan ikun minnu, l-ewwel ma jkun f'din in-nomina huwa l-Forti ta' Sant'Anġlu li huwa sit uniku kemm fil-Birgu kif ukoll fil-gżejjer Maltin. Il-kunsilliera preżenti qablu li nissieħbu f'din l-assoċjazzjoni.

## 32.4 Applikazzjoni għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031

32.4.1 Is-Sindku qal li fil-ġimgħat li għaddew, propju qabel ma' għalqet id-data tas-sottomissjoni, il-Kunsill Lokali tal-Birgu ssottmessa l-applikazzjoni għall-espressjoni ta' interess mal-Valletta Cultural Agency sabiex il-Birgu, rappreżentant tal-Kottonera u tar-Reġjun Xlokk, ikun kanditat għat-titlu tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031. Il-Viċi-Sindku qal li mal-Birgu applika wkoll il-

Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex li se jkun qed jirrapreżenta lir-Reġjun ta' Għawdex.

32.4.2 B'relazzjoni ma' din id-diskussjoni, ġiet preżentata korrispondenza mis-Sinjura Joanne Attard Mallia, għan-nom tal-Valletta Cultural Agency sabiex tinforma lill-kunsill li l-applikazzjoni waslet għand l-aġenzija kif mitlub.

**32.5 Applikazzjoni għall-Belt jew Raħal tal-Kultura 2022**

32.5.1 Is-Sindku John Boxall qal li nhar il-Ħamis 8 ta' April 2021, il-Kunsill Lokali tal-Birgu ssottometta l-applikazzjoni għat-titlu tal-Belt jew Raħal tal-Kultura 2022 bi programm sħiħ għal sena sħiħa. Is-Sindku qal ukoll li mir-Reġjun Xlokk applikaw aktar kunsilli, dan barra l-kunsilli li jinsabu f'reġjuni oħra.

32.5.2 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li minħabba l-azzjoni industrijali tas-Segretarji Eżekuttivi, il-minuti tar-Reġjun Xlokk fejn juru li ġiet approvata l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex tkun sottomessa, ma kinux inklużi peress li dawn ma ntbgħatux mis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Xlokk. Is-Sindku qal li hu ċempel lid-Direttur is-Sur Natalino Attard u qallu sabiex mal-applikazzjoni jagħmel nota ffirmata u jissottometti l-applikazzjoni kif inhi.

**32.6 Aġġornament tar-restawr fil-Berġa ta' Franza**

32.6.1 Is-Sindku qal li jinsab fil-proċess li jinfetaħ kont bankarju mal-APS sabiex id-donazzjonijiet li jidħlu minn terzi u dħul finanzjarju minn permessi ta' scaffoldings, skips, eċċ, jitpoġġew f'dan il-kont sabiex ikun jista' jitkompla u jitlesta r-restawr tal-Berġa ta' Franza.

32.6.2 Is-Sindku qal li fil-jiem li ġejjin se jkollu laqgħa mal-Ministru l-Onor. Hosè Herrera dwar aktar fondi sabiex ikunu koperti x-xogħlijiet li fadal fil-Berġa ta' Franza dan barra l-fondi li ser jingħataw mill-Ministru l-Onor. Clayton Bartolo għan-nom tal-Awtorità tat-Turiżmu liema fondi jlaħħqu s-somma ta' ħamsa u tletin elf Ewro (€35,000).

32.6.3 Is-Sindku spjega kif ġa la darba jkun lest dan ir-restawr, jinqata' ammont sostanzjali ta' trabijiet fejn imbagħad ikun jonqos l-installazjoni tal-lift, dejjem jekk dan ikun approvat u finalment ikun fadal ir-restawr tal-faċċata tal-berġa li mistenni jsir fis-snin li ġejjin.

32.6.4 Is-Sindku preżenta tlett kwotazzjonijiet sabiex jinbidel il-wiċċ ta' żewġt turġien fit-taraġ tal-berġa li jagħti għal fuq u biex jinkesa t-taraġ li hemm fil-bitħa tal-berġa għax kif inhu, huwa perikoluż u jkunu ukoll pulit u komplut mal-proġett ta' restawr fl-istess bitħa. Is-Sindku qal li din l-ispiża biss se tkun qed titħallas mill-fondi tal-allokazzjoni tal-kunsill lokali. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament li mmorru għall-irħas offerta sabiex dan ix-xogħol ikun jista' jsir.

## 32.7 Laqgħa Ġenerali Annwali Pubblika 2021

32.7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li suppost diġà ssejħet il-laqgħa ġenerali annwali iżda dan ma kienx possibli minħabba l-fatt li l-Unaudited Financial Statements 2020 kienu għadhom mhux lesti mill-kumpanija tal-accounts tal-kunsill. Is-Segretarju avża li bgħat notifika lill-PKF Malta, l-accountants tal-kunsill li jekk dan ir-rapport ma jasalx sal-Ġimgħa 23 ta' April 2021, il-kumpanija ser tkun penalizzata kif stipulat fil-kuntratt. Il-laqgħa tista' ssir online u għaliha kien issuġerix li r-residenti jibgħatu proposti, ilmenti jew suġġerimenti qabel il-laqgħa u dawn jiġu diskussi waqt il-laqgħa stess. Id-data tal-laqgħa annwali għad trid tiġi mħabbra u deċiża aktar 'il quddiem.

## 32.8 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku

32.8.1 Il-Kunsillier Jason Portelli ressaq suġġeriment sabiex Triq il-Lunzjata terġa' ssir Triq il-Palazz tal-Isqof minn fuq sa isfel filwaqt li Triq il-Mina l-Kbira tinbidel għal Triq il-Lunzjata. Il-Kunsillier Anton Gellel qal li għalkemm huwa ma jsib ebda oġġezzjoni li din it-triq jinbidel isimha, għandha tintalab ftit informazzjoni lis-Sur Gorg Agius x'relazzjoni hemm mal-isem Triq il-Mina l-Kbira għax jekk dan hu wieħed marbut mal-istorja, għandu jibqa' kif inhu.

32.8.2 Fuq l-istess tema, l-Kunsillier Trevor Mizzi qal li Triq l-Antika, il-parti fejn joqgħod huwa, hija diffiċli biex tinstab minn xi persuni li joffru xi servizzi peress li l-ewwel parti tat-triq tinsab aktar 'il bogħod minn din il-parti. Is-Sur Mizzi qal li din il-parti tat-triq, la darba tinsab għaliha, għandha tingħata isem differenti sabiex tkun aktar faċli għal min ifittixha. Il-Viċi-Sindku Christopher Cassar qal li din il-problema tinsab ukoll bi Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur li tibda minn kantuniera ma' Triq Nestu Laiviera u tibqa' sejra sa' wara l-Klabb tal-Boċċi tal-Birgu, liema żona tinsab maqsuma fi tlett partijiet, parti Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur, parti Triq il-Ħabs l-Antik u parti Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa. Il-Viċi-Sindku propona li l-ewwel parti kantuniera ma' Triq Nestu Laiviera u l-parti ta' wara l-Klabb tal-Boċċi, jingħataw isem separat u tinżamm biss il-parti prinċipali

tat-triq. Is-Sindku qal li dawn is-suġġerimenti għandhom jiġu mressqa fl-Aġenda tal-laqgħa li jmiss.
Fis-19:12pm il-Kunsillier Trevor Mizzi talab li jkun skużat minħabba raġunijiet u impennji personali u għalhekk ħareġ mil-laqgħa.

32.8.3 Il-Kunsillier Anton Gellel staqsa lis-Sindku jekk ix-xirjiet li jitqassmu mill-Berġa ta' Franza għandux jaqsam il-kunsill magħhom lil min jitqassmu peress li hawn persuni mill-Birgu li għandhom bżonn l-għajnuna. Is-Sindku qal li l-kunsill qed joffri biss il-post sabiex dawn jitqassmu filwaqt li laħaq ftehim li bħala apprezzament għall-użu tal-post, jingħataw żewġ xirjiet fil-ġimgħa lis-Sorijiet tal-Klawsura.

32.8.4 Il-Kunsillier Anton Gellel staqsa lis-Sindku min kien ser jirranġa l-ħsarat tad-dawl mal-Knisja ta' San Lawrenz peress li din tinsab mitfija u tidher kerha. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol għandu jsir mill-kuntrattur Taljan u jitħallas mid-Dipartiment tar-Restawr kif kien miftihem fil-laqgħa mal-istess dipartiment.

32.8.5 Il-Kunsillier Anton Gellel talab lis-Sindku sabiex ikun jista' jikkomunika mal-kumpanija GO sabiex it-telephone fit-telephone box fi Triq il-Kardinal jitneħħa sabiex jitlesta x-xogħol ta' restawr li sar mis-Sur Charlie Debattista. Is-Sindku qal lis-Sur Gellel biex imexxi u talbu wkoll jinfurmhom sabiex ineħħu kompletament tt-telephone box minn Triq it-Torri ta' San Ġwann.

32.8.6 Il-Kunsillier Anton Gellel qal lis-Sindku li ġie avviċinat minn xi residenti li hemm persuni li qed jipparkjaw fin-nofs fil-parkeġġ ta' wara s-Sur ta' San Ġakbu u qed joħolqu inkonvenjent lil dawk li jkunu pparkjati sewwa u jixtiequ jużaw il-vetturi tagħhom filgħodu kmieni. Is-Sindku qal li f'din is-sitwazzjoni l-kunsill ma tantx hemm affarijiet li jista' jagħmel.

32.8.7 Il-Kunsillier Anton Gellel talab lis-Sindku sabiex il-bankijiet li hemm it-toqba jitneħħew minħabba x-xogħol li qed isir. Is-Sindku qal li dawn filfatt tneħħew iżda spiċċaw kompletament minħabba l-melħ tal-baħar u ftit fadal xi ssalva minnhom.

32.8.8 Il-Viċi-Sindku Christopher Cassar qal li hu għandu kuntatt mal-persuna li ramat il-presepju Malti fil-Pjazza tal-Vatikan f'Ruma u qal li jekk il-kunsill jaqbel, jikkomunika miegħu biex jara hux possibli li dan jintrama l-Birgu, preferibbilment fil-Pjazza. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu unanimament ma' din il-proposta. Dan jiddependi mix-xogħol tal-proġett tal-Pjazza tal-Birgu.

32.8.9 Is-Sindku qal li fil-ġimgħat li għaddew ġiet sottomessa wkoll l-applikazzjoni għall-fondi taħt l-iskema SPI/SCI/3/2021 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021 sabiex jingħataw fondi għall-Birgufest fejn jekk din issir, nistgħu ningħataw sa' ħamsa u tmenin fil-mija (85%) tal-ispejjeż tal-attività.

**32.9 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-**approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 24** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, **BOV 5923** sa **BOV 5951** u ħlasijiet oħra li saru permezz ta' ***Bank Transfer***. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskeda preżentata.

**32.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta` filghaxija (8:30pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir it-Tnejn 26 ta` April 2021 fis-sitta u kwart ta` filgħaxija (6:15pm).

Konfermati llum: **12 ta' Mejju 2021.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Christian Lawrence Raggio Vella<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |